MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 94/2004

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta’ Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta’ Dicembru 1993 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. “A”, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Michael li llum ghandu disa’ (9) snin u Valentina li llum ghandha sitt (6) snin;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19(1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-kunsens tal-attur kien vizzjat peress illi l-attur ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fil-mument taz-zwieg, anki minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali u ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975** li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-4 ta' Dicembru 1993 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19(1) (d), (f) u (h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fis-26 ta’ April 2004 fejn il-Qorti ppreﬁggiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata lill-partijiet sabiex jipprezentaw x-xhieda kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 2 ta’ Lulju, 2004, a fol. 12 fejn ecceppiet:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel li-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi, tali nullita hija mputabbli kompletament lill-attur hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

2. Illi fil-fatt l-attur ghandu problemi psikologici tant li huwa sahansitra ammetta li ghandu tendenzi omosesswali;

3. Illi *inoltre* l-attur qatt ma ried jizzewweg u fil-fatt ried itemm ir-relazzjoni li kellu ma’ l-eccipjenti sena qabel izzewgu;

4. Illi ghalhekk l-attur ghandu jehel l-ispejjez kollha tal-kawza u l-eccipjenti ghandha tigi kompletament liberata mill-ispejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 13 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Novembru 2004.

Rat il-verbal tas-26 ta’ April 2005 fejn Dr. Michael Grech ghall-attur pprezenta zewg affidavits **tal-attur A u ta' Mario Ellul** a fol. 16 sa fol. 23, b’kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2005.

Rat in-nota datata 5 ta' Mejju 2005 tal-konvenuta **B** li permezz taghha pprezentat l-affidavit **taghha stess** a fol. 24 sa fol. 25**.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-azzjoni attrici ghat-talba ta' annulament taz-zwieg taghha hija bbazata fuq **l-artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jinqraw hekk kif gej:-

**19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*(f) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

**(h)** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi l-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali' vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe'

ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi jinghad ukoll li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f'**"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (P.A. 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'Consortium Vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi dwar l-tieni raguni citata bhala bazi ta' din il-kawza hemm l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha

mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi hawn issir riferenza ghall dak li nghad minn ***Dr. Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** u cjoe' li d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi fi kliem iehor mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga.

Illi kif gie spjegat tajjeb fil-kawza **"Spiteri vs Spiteri"** (P.A. – 4 ta' Novembru 1994):-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku interament marbut mall-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u kuxjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi ssir referenza wkoll ghal dak li ntqal fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (P.A. (Q.K.) 7 ta' Lulju 1994) li tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"… illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda*

*motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dwar **l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** li jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not*

*a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will.”*

## (II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta’ Dicembru 1993 ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi u dan ai termini tal-**artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-Zwigijiet** u b’mod partikolari *a tenur* tal-provedimenti tal-**paragrafi (d), (f) u (h) tal-istess artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet iltaqghu meta l-attur kellu 18 il-sena u l-konvenuta kellha 17 il-sena u damu johorgu flimkien cirka sitt snin qabel ma’ zzewgu, ghalkemm fl-ewwel sena kienu qatghu wara hames (5) xhur u bdew johorgu flimkien cirka sena wara. L-attur jallega li minkejja dan kollu ftit kien hemm komunikazzjoni bejniethom fl-ewwel lok ghaliex huwa kien jahdem zewg *jobs* u fit-tieni lok ghaliex iktar ma’ beda jaghddi zmien iktar hassu qed jitbieghed mill-konvenuta, tant li kien jiehu kull okkazzjoni ta’ xoghol sabiex ikun il-boghod minn dik li eventwalment kellha tkun martu. Dan il-pattern jidher li kompla wara z-zwieg b’mod konsistenti fejn l-attur kien ifittex li jahdem akkost ta’ kollox, u dan sabiex jevita l-konflitti ma’ martu, fil-waqt li l-konvenuta kienet tara kif tevita lill-attur. L-attur iddejjaq f’din is-sitwazzjoni u jidher li xejn ma’ hasibha u qabad u telaq mid-dar u dan ghaliex huwa qatt ma’ ried li jibqa’ ma’ l-istess mara ghal hajtu kollha u fil-fatt jghid li mill-ewwel kellhu relazzjoni ma’ mara ohra wara li abbanduna d-dar konjugali; jghid li mhux biss qatt ma’ ghogbitu li jintrabat ma’ mara wahda ghal hajtu kollha, izda jghid li posittivament eskluda tali kuncett fil-hajja tieghu mal-konvenuta u allura fil-kunsens tieghu taz-zwieg. Jghid li xorta wahda zzewweg pero’ sabiex ma’ jinkwetax lill genituri tieghu u ma jaqlax inkwiet – haga li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti twassal sabiex il-kunsens ta’ l-attur jigi ddikjarat bhala vizzjat stante li huwa ghal kollox simulat ghaliex eskluda l-element ta’ fedelta’ u permanenza taz-zwieg mill-kunsens tieghu u ghalhekk halla barra u eskluda li josserva dawn l-elementi essenzjali taz-zwieg u b’hekk il-kunsens tieghu kien

vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.** Fil-fatt dawn is-sentimenti ta' l-attur jinsabu kkonfermati mix-xhud Mario Ellul li kkonferma li qabel iz-zwieg l-istess attur kien mohhu f'nisa ohra u ghalhekk kien sorpriz meta l-attur kien qallu li ser jizzewweg u x-xhud ipprova jipperswadih li ma' kienx ser jaghmel sew ghaliex deher car li l-attur ma' kellux l-impenn necessarju ghal din il-hajja mal-konvenuta.

Illi mill-provi prodotti l-attur jallega li l-istess konvenuta ma' kienitx matura' ghaz-zwieg u dan ghaliex jghid li kien dejjem mohha sabiex tohrog il-barra u tonfoq il-flus mentri huwa kien jahdem biss; pero' jidher li l-immaturita' gravi tal-konvenuta kienet naxxenti mill-fatt li jidher car li ghalkemm il-konvenuta kienet konxja sew tal-fatt li l-partijiet kellhom relazzjoni ghal kollox instabbli, u dan kien dovut ghal diversi ragunijiet fosthom li l-attur kien ifittex minn kollox sabiex ma' jqattax zmien maghha, jidher li hija ddecidiet li tizzewweg lill-attur biss ghaliex hasset li kienu qatghu zmien bizzejjed johorgu flimkien u ghalhekk il-pass li kien qed jistenna kulhadd, inkluz il-genituri u hbieb tal-partijiet kien li jizzewgu u allura l-konvenuta ghazlet li taghmel hekk. Dan irendi l-kunsens tal-konvenuta vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz**, b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-4 ta' Dicembru 1993 huwa null u bla effett fil-ligi u dan peress li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** mentri dak tal-konvenuta kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) ta' l-istess Kap 255.**

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------